KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 51

L-Erbgħin u erbgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 11 ta' Ottubru 2022 fis-6pm ġewwa l-Kunsill Lokali

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi-Sindku |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Tony Galea | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Vivianne Galea Pace | Kunsilliera |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6pm:*
*51.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*51.2 Kontijiet tal-ARMS*

## 51.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

51.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsillier D.Muscat ma setax jattendi minħabba impenji tax-xogħol. Il-kunsillier V.Galea Pace ma setatx tattendi minħabba raġunijiet personali. Kien hemm qbil fuq dawn ir-raġunijiet għalfejn ma attendewx.

## 51.2 KONTIJIET TAL-ARMS

51.2.1 Is-Sindku informa li meta inqata' is-servizz ġewwa il-ġonna, Pjazza Sant' Anna, triq Bisazza, il-funtana ta' Johnny Navarro u d-drinking fountains, għamel kuntatt mall-Ministru tal-Energy, kif ukoll mall-Prim Ministru sabiex dawn ż-żoni jiffunzjonaw sakemm tinstab soluzzjoni dwar il-kontijiet. Żied illi s-CEO tal-ARMS għamila ċara miegħu li l-ebda pressjoni politika m'hi se taħdem u li l-Kunsill irid iħallas il-kontijiet qabel ma tingħata lura s-servizz. Żied illi s-CEO għafas fuq il-punt illi l-Kunsill kien iffirma għat-trasferiment ta' dawn il-kontijiet, kif ukoll weħħel fis-Segretarju Eżekuttiv meta ma kienx hu li ffirma għal dawn il-kontijiet. *Approvazzjoni*

51.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont ta' dak illi ġara matul is-snin. Qal illi f'Awwissu 2019 saret laqgħa mall-AKL, fejn il-Kunsill informal lil President illi qegħdin nirċievu kontijiet għal postijiet pubbliċi li qatt ma ġew devoluti lilna.

Qal illi hemm 15 il-meter fuq postijiet illi qatt ma ġew devoluti lill-Kunsill. Wara l-ewwel taħdidiet mall-ARMS, ġie kkonfermat illi 7 minnhom saret trasferiment għalihom fis-snin 2013 [3 kontijiet], 2017 [2 kontijiet] u 2018 [2 kontijiet] u li l-Kunsill iffirma l-approvazzjoni ta' dawn il-formoli. Kien hemm kontijiet li ġew iffirmati minn 1 mill- co-signers biss.

Fuq l-oħrajn m'hemm l-ebda provi izda skont l-ARMS ir-raġuni għal din hija peress illi saru qabel 2010 meta ħadu over il-kontijiet mill-WSC u EneMalta.

51.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi wara deċiżjoni tal-Kunsill, il-Kunsill kien ħallas €15,000 fis-sena 2021 li intbagħtet flimkien ma' ittra legali. Izjed tard fis-sena, il-Kunsill aċċetta li jħallas il-bqija ta' dawn il-kontijiet peress illi l-ARMS tfew is-servizz, u din saret ukoll taħt protesta u b'ittra legali. Fakkar illi ħallasna biess għal dawk is-seba' kontijiet li għandna provi li ġew iffirmati mill-Kunsill. Fl-istess ħin il-Kunsill kien iddeċieda li nibagħtu l-formoli għat-trasferiment ta' dawn il-kontijiet lill-Awtorita tal-Artijiet.

51.2.4 Waqt laqgħa li nżammet mall-AKL, l-Awtorita u l-ARMS fuq din il-kwistjoni, rappreżentant tall-Awtorita rrefera għal emajl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv dwar dawn il-formoli u żied illi ma kienx irrisponda qabel għalhiex kienu waslu għandu ftit qabel il-laqgħa. Din il-laqgħa seħħet fil-bidu tas-sajf 2022. Minn dakinhar il-Kunsill ma rċieva xejn.

51.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi sibna ħafna għajnuna mill-AKL, l-Awtorita tal-Artijiet u d-DLG illi flimkien ukoll jixtiequ jsibu soluzzjoni. Ir-rappreżentanta tal-Awtorita qalet illi hemm kunsilli oħrajn illi għandom din il-problema u ma taqbilx illi l-kunsilli jħallsu dawn il-kontijiet. Fl-istess ħin qalet illi l-Awtorita ma tistax taqbad u tassorba dawn il-kontijiet.

51.2.6 Is-Segretarju Eżekkuttiv qal illi la dawn it-trasferimenti qatt ma saru, il-kontijiet xorta waħda qegħdin f'isem il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali kien iffirma, bil-provi, 7 kontijiet. Għalhekk l-ARMS għandom raġun jiġru wara l-Kunsill. Fl-istess ħin qal illi la l-Kunsill iħallas għal dawn il-kontijiet, qed jagħmel hekk għall-kontra tal-liġijiet la dawn il-postijiet qatt ma ġew devoluti lill-Kunsill.

51.2.7 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-Kunsill kien iffirma għalihom u għalhekk l-ARMS m'għandomx għażla ħlief biex jitolbu l-flus mill-Kunsill. Ippropona li nħallsu taħt protesta għal darb'oħra. Dan sabiex nevitaw il-perikli li hemm. Żied illi dawk il-kontijiet li ma ħallasniex għalihom is-sena l-oħra, xorta ma jitħallsux issa. Kien hemm qbil unanima.

51.2.8 Il-kontijiet illi se jiġu mħallsin huma ta'

Ġnien Bonello DuPuis
Bisazza Square
Bisazza str. landscaping
Pjazza Sant'Anna
Funtana ta' Pjazza Sant'Anna.

Il-ħlas se jsir flimkien ma' ittra legali.

51.2.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qabel ma jsir il-ħlas se jinforma lill-DLG u l-AKL biex ikunu jafu dwar is-sitwazzjoni u peress illi legalment il-Kunsill m'għandux iħallas kontijiet li m'għandu l-ebda titlu fuqhom. Żied illi meta jirċievi l-ittra mill-avukat joħorġu ċ-ċekkijiet.

51.2.10 Bi proponiment tas-Sindku u sekondat mill-kunsillier P.Radmilli, kien hemm qbil unanimu li toħroġ Press Release meta l-Kunsill iħallas dawn il-kontijiet sabiex

nuru l-azzjonijiet li ttieħdet mill-Kunsill, u kemm infaqna sabiex ikun hemm dawl u ilma f'dawn il-postijiet.

**Il-laqgħa intemmet fis-18:15.**

Minuti approvati llum 16 ta' Novembru 2022

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**John Pillow**
**Sindku**

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**